

# ELEZZJONIJIET EWROPEJ

## Flimkien għall-Ewropa
## Ivvota fl-elezzjonijiet tal-UE tal-2024!

6-9 ta’ Ġunju 2024

L-elezzjonijiet Ewropej li ġejjin, li se jsiru bejn **is-6 u d-9 ta’ Ġunju 2024**, jimmarkaw mument kruċjali għall-Ewropa: madwar 370 miljun ċittadin tal-UE għandhom l-opportunità li jeleġġu 720 membru tal-Parlament Ewropew biex jirrappreżentaw lin-nies tal-Unjoni Ewropea. Kull vot jgħodd, peress li jsawwar il-futur tal-Ewropa.

Il-politika Ewropea tinfluwenza l-ħajja ta’ kuljum taċ-ċittadini kollha fl-UE, u l-liġijiet tal-UE jindirizzaw kwistjonijiet importanti, bħall-ambjent, is-sigurtà, il-migrazzjoni, il-politiki soċjali, id-drittijiet tal-konsumatur, l-ekonomija, l-istat tad-dritt u ħafna aktar.

Għaż-żgħażagħ b’mod partikolari, l-UE saret parti integrali minn ħajjithom. Aħna, bħala Politiċi Eletti Żgħażagħ mil-livell reġjonali jew lokali fl-UE u fil-pajjiżi kandidati, nappoġġjaw l-ispirtu Ewropew tad-demokrazija u l-parteċipazzjoni. Il-bliet u r-reġjuni tagħna jimplimentaw 70 % tal-leġiżlazzjoni tal-UE u ta’ kuljum nesperjenzaw l-UE.

L-elezzjonijiet huma l-opportunità tiegħek biex tiddefendi d-demokrazija fl-Ewropa! Huwa għalhekk li qed nitolbuk:

## Uża leħnek għad-demokrazija u vvota fl-elezzjonijiet tal-UE tal-2024!

**Min aħna:** Il-**Programm Politiċi Eletti Żgħażagħ (YEP)** huwa network ta’ politiċi li m’għadhomx aktar minn 35 sena u li għandhom mandat fil-livell reġjonali jew lokali fl-UE u fil-pajjiżi kandidati għall-adeżjoni mal-UE. Iffinanzjat bis-sħiħ mill-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni (KtR), il-Programm YEP jagħti lir-rappreżentanti żgħażagħ Ewropej l-opportunità li jsemmgħu leħinhom fil-livell tal-UE.